# FEJN KIENET SA MILL-QEDEM IL-BELT TAL-GŻIRA TA' GĦAWDEX?

*Kitba ta' ANTON F. ATTARD, B.A.*

Fil-ktieb "Focus on Gozo", ippubblikat din is-sena 1996 miċ-ċentru ta' Għawdex ta' l-Università ta' Malta, insibu artiklu miktub mis-Sur Pawlu Mizzi li għandu libsa storika, imma ruħ parrokkjalistika, u għaldaqstant nieqes mill-eżattezza u jistħoqqlu tweġiba. F'soċjetà demokratika tweġiba bħal din hija m'hux biss possibbiltà, imma neċessità, ħalli finalment il-verità tittrijonfa.

Jekk ma' dak li ngħidu aħna ma jaqbilx, is-Sur Mizzi għandu kull dritt li jerġa' jweġibna, u nassigurawh li jgħid xi jgħid dwar dan is-suġġett, m'aħniex se ntellgħuh il-qorti. Il-qorti m'huwiex il-post fejn jiġu miġġielda kwistjonijiet storiċi għaliex min jagħmel hekk ikun qiegħed jaħli l-flus u ż-żmien għalxejn.

Is-suġġett huwa faċli: Fejn oriġinat il-Belt tal-gżira ta' Għawdex? Fl-artiklu msemmi tiegħu, ***"In Search of Gozo's Ancient Town: Written and Non-written Sources"***, Mizzi jibda biex igħidilna li dwar dan hemm kontroversja. Kontroversja dejjem tista' tinħoloq, imma l-agħarr tip ta' kontroversja tkun meta xi ħadd iwebbes rasu u jkompli jmieri s-sewwa magħruf. Ma' din il-kwalità ta' nies il-kontroversja ma tintemm qatt għaliex qatt ma jaslu biex jikkonvinċu ruħhom li qegħdin fl-iżball. Imma dan ma jiswa xejn biex ibiddel il-verità. Jekk xi ħadd igħaddi għomru kollu jgħid li d-dinja hija ċatta, u jmut jippriedka li d-dinja ċatta, b'daqshekk id-dinja ma ssirx ċatta. L-aktar l-aktar jibqgħu jgħidu li darba kien hawn baħnan li kien jemmen li d-dinja hija ċatta. U baħnan ikbar ikun min jemmnu jew iżomm miegħu.

Jiena nħoss li din il-kontroversja m'għandhiex tkun għaliex il-verità hija waħda u ċara daqs il-kristall. U dan hu l-għan ta' din il-kitba: li niddefendi din il-verità għall-ġenerazzjonijiet futuri biex ħadd ma jkun jista' jqarraq b'ħadd b'teoriji fantastiċi li hawn min jaħseb li għax joqgħod jirrepetihom se jsiru verità. Il-verità hija waħda u intrinsika u mhux frott tar-ripetizzjoni u tat-tlablib.
Għax tgħid, min iħobb ilablab, araħ imbagħad jakkuża lil ħaddieħor bil-leġġendi u l-mitoloġija, meta hu stess qiegħed igħix fid-dinja fantastika tal-ħrejjef.

## X'nifhmu bil-kelma "Rabat"

Qabel ma nissokta b'din il-kitba tajjeb nagħmilha ċara x'nifhmu sewwa bil-kelma "Rabat" għaliex inkella nistgħu niftehmu ħażin. Din il-kelma jista' jkun fiha dawn it-tifsiriet:

a) Il-kelma 'Rabat' fis-sens modern tinkludi t-territorju parrokkjali kollu tal-Kattidral u San Ġorġ, u li jissejjaħ ukoll Victoria. Illum il-Gran Kastell jew iċ-Ċittadella qiegħed ir-Rabat.
b) 'Rabat' fis-sens ġeografiku nifhmu l-ogħla parti tax-xagħra li fuqha hu mibni r-Rabat b'ta' l-Ibraġ, ta' Għajn Qatet, taċ-Ċawla, ta' Santa Dminka, tat-Triq tal-

Għajn ta' Wara Sant'Wistin u li tinkludi wkoll il-wied kollu tafal li kien hemm fl-inħawi tat-Tokk, imma ma tinkludix il-Kastell.



*Ir-Rabat storiku kif jidher mid-demi-bastjun ta' San Gwann (Ritratt meħud fis-snin sittin)*

c) 'Rabat' fis-sens storiku jinkludi biss iċ-Ċentru Storiku, jiġifieri d-dawra mħaddna minn Triq it-Tiġrija, Triq il-Palma, Pjazza San Franġisk, Triq Vajringa, Pjazza Sant'Wistin, tad-Dawwara, Ta' Gedrin u Wara ta' Gedrin, Fejn Savina u t-Tokk. Dan huwa r-'Rabat' l-aktar antik u li għalih nirrereferu f'din il-kitba bħala r-Rabat storiku. Dan huwa r-'Rabat' li jirreferu għalih id-dokumenti storiċi meta jgħidu 'Rabato e Castello' jew 'Rabato del Castello' u anki xi drabi "Borgo Vilhena", subborg tal-Kastell. Fiż-żminijiet storiċi ħafna mill-inħawi li llum jagħmlu parti mir-Rabat kif deskritt f'(a) u (b) kienu kampanja u għalhekk huma irrelevanti għal din il-kitba. Ir-Rabat storiku ma jinkludix il-Kastell, iżda sa mill-antik kien jitqies bħala s-subborg tiegħu.

## X'nifhmu bil-kelma "Kastell"

B'din il-kelma nifhmu l-għolja taċ-Ċittadella bil-fortifikazzjonijiet u l-bini l-ieħor kollu li hemm fuqha u li matul iż-żminijiet kienet magħrufa b'diversi ismijiet bħal "Medina", "Belt", "Castrum", "Terra", "Castello", "Gran Castello", u "Ċittadella".

## Nibdew minn De Soldanis

Meta jitkellem dwar il-kitba storika ta' De Soldanis, Mizzi jgħidilna li bħala storiku, biex ifaħħar u jigglorifika lil Għawdex, dan kiteb ħafna ineżattezzi storiċi. Jista' jkun. Imma biex nagħmlu kritika serja ta' De Soldanis, ma nistgħux aħna nsemmu biss dawk l-affarijiet li ma jogħġbuniex, u noqogħdu ntambru fuqhom, imbagħad l-ineżattezzi li jogħġbuna, allura dawk neħduhom bħala vanġelu u, mhux talli nxandruhom bħala verità sagrosanta, imma talli nippruvaw niġġustifikawhom anki permezz ta' dokumenti li ninterpretaw kif jaqblilna. Kulma qal De Soldanis irid jiġi evalwat kull każ fuq il-mertu tiegħu nnifsu u fejn insibu li qal sew niġġustifikawh u fejn qal ħażin ngħidu li żbalja immaterjalment jekk jaqblilniex jew le.

U la qegħdin fuq De Soldanis ħalli nsemmu t-teorija tar-Rabat storiku ta' żmien ir-Rumani mdawwar bis-swar u bil-bibien tiegħu msejħin Putirjal, Bieb il-Għajn u Bieb il-Għarb. Din it-teorija ħareġ biha De Soldanis, u jekk ma vvintahiex hu, kien hu l-aktar li ppropagaha, minħabba l-ismijiet Putirjal u Bieb il-Għajn. Issa l-kelma 'Putirjal' setgħet daħlet Għawdex bħala laqam fl-istess żmien li daħlet il-kelma 'Mandraġġ'. Imma jekk noqogħdu mad-dokumenti antiki nsibu li din il-kelma kienet tintuża bil-Latin "Porta Regalis" għall-bieb ewlieni tal-Kastell fi żmien meta r-Rabat żgur li ma kellux swar jew ħitan, u għalhekk, lanqas bibien. L-espressjoni popolari kienet u għadha "Taħt Putirjal". Mela l-bieb qiegħed fil-għoli. Mela l-inħawi li jiġu taħt dan il-bieb, li fl-antik kien iħares aktar lejn in-nofs in-nhar, kienu

jissejħu "taħt Putirjal", taħt il-bieb ewlieni tal-Kastell. Illum dan l-isem kompla jitbiegħed billi ngħata bħala isem ta' triq li minn fejn is-Salib tat-Tiġrija tasal fi Pjazza San Franġisk. Xi drabi l-ismijiet jiġġebbdu 'l bogħod. Per eżempju, 'Wara s-Sur' jibda minfejn l-Uffiċċju ta' l-Ilma u jibqa' sejjer minn Triq l-Imgħallem sa Wara ta' Gedrin.

Bieb il-Għajn ma jinsabx fejn jindika De Soldanis, jiġifieri fejn l-iskola tal-Vajringa. Bieb il-Għajn jinsab fi Triq l-Isptar ta' San Ġiljan u allura jfisser id-dħul lejn il-Għajn il-Kbira. Eżempju tipiku simili għal dan hu Bieb il-Qlejgħa fejn iċ-Ċimiterju taż-Żebbuġ li wkoll ifisser id-dħul għall-wied tal-Qlejgħa.

Dwar Bieb il-Għarb ma nafx kemm jeżistu dokumenti. L-istess ngħid għal Bieb Għajn Qatet. Imma jekk verament dawn l-ismijiet jeżistu żgur ma jirreferux għal xi bieb tar-Rabat li minnu kont toħroġ lejn il-Għarb jew lejn Għajn Qatet. Bieb il-Għarb jista' jfisser ukoll id-dħul lejn il-Għarb, kemm bħala isem ta' raħal, kif ukoll bħala direzzjoni, jiġifieri lejn il-punent.

Għal dawk li jgħidu li ġie li nstabu fdalijiet tal-ħajt Ruman, ngħidulhom biex joqogħdu attenti. Xi żmien ilu fdalijiet simili kienu nstabu fin-niżla ta' wara s-Sur magħrufa bħala Triq l-Imgħallem. Imma dawn il-fdalijiet ma kinux ta' xi ħajt Ruman imma tat-Torri Medjoevali magħruf bħala ta' Sansun (mill-kunjom Sansone). Infatti, l-oqsma tar-raba' tal-qrib għadhom magħrufa bħala "ta' Bieb it-Torri". Dan hu isem magħruf sewwa ma' min għandu r-raba' fil-qrib u jinsab ukoll dokumentat fuq il-kotba tal-qbiela tar-raba' tal-Gvern, billi l-Gvern għandu wkoll qasam ta' art f'dawn l-inħawi.

Hawnhekk irridu ngħidu wkoll li dan it-torri fin-niżla ta' wara s-sur ma kellux rilevanza għar-Rabat, imma kien parti intergrali mis-sistema antika tad-difiża tal-Kastell.

## Il-Perijodu Preistoriku

Għalija l-perijodu preistoriku hu l-iżjed wieħed ċar u inkonfutabbli għal min irid jirraġuna bis-serjetà.

Fil-preistorja r-Rabat storiku, is-subborg tal-Kastell, kien għadu kampanja. Ebda studjuż b'rasu fuq għonqu ma jista' jiġġustifika b'mod xjentifiku li nies preistoriċi għażlu dan il-post bħala l-imkien ideali biex fih jibdew igħammru. Fejn illum hemm ir-Rabat storiku ma kienx 'a humped meadow' bħalma jgħid Mizzi. Innutaw il-kelma sabiħa 'meadow' meta Mizzi jiġi biex jitkellem mill-affarijiet tiegħu! Fejn illum hemm it-Tokk kien wied kawżat minn qasma u waqgħa ġeoloġika fil-blat. Dan il-wied kien jibqa' sejjer minn fejn illum hemm Pjazza Savina lejn il-Lunzjata. Lil hinn minn wara San Ġorġ kien xagħra, aktarx maqsuma fi dwagħben li llum jinsabu mirduma.

## L-ewwel nies li għammru f'Għawdex

L-ewwel nies li għammru f'Għawdex aktarx għażlu l-inħawi taċ-Ċawla. Skond l-arkeologu Olandiż Dr. Adrian van der Blom u d-Dottoressa Veronica Veen dan l-imkien kien wieħed mill-iżjed importanti għal dawn l-ewwel Għawdxin. Il-ktieb tagħhom "The First Maltese" hu xhieda biżżejjed ta' dan. Dan l-imkien jagħmel mar-Rabat Ġeografiku u mar-Rabat modern, imma m'għandu ebda rilevanza għar-Rabat storiku għas-sempliċi raġuni li, meta dawn in-nies spiċċaw, fejn illum hemm ir-Rabat storiku kampanja kien u kampanja baqa'.

Hawn tajjeb ngħidu li fi żmien il-Perijodu tat-Tempji Megalitiċi ċ-Ċentru taċ-Ċiviltà f'Għawdex aktarx li kien ix-Xagħra b'ċentri iżgħar f'ta' Marziena (fit-truf tar-Rabat), ta' Ċenċ, ix-Xewkija, Għajnsielem, u l-Qala. Kien żmien ta' paċi u sliem - speċi ta' PAX NEOLTICA - u ma jidhirx li kien hemm il-biża' ta' xi theddid ta' invażjonijiet minn barra. Jekk kien jinqala' x'inkwiet, dan kien jinqala' biss bejn in-nies tal-lokal infushom. In-Neolitiċi kienu jibnu t-tempji tagħhom fuq il-blat u qatt fuq it-tafal.



*Fiż-żmien il-Perijodu tat-Tempji MegalitiċI fejn illum hemm ir-Rabat storiku kien għadu kampanja. Iċ-ċentru taċ-ċivilta' ta' dak Iż-żmien kien ix-Xagżra u t-tempju tar-Rabat kien f'ta' Marziena. Hawnhekk naraw id-dħul għat-tempju l-kbir tal-Ġgantija (Ritratt bil-korteżija dtas-Sur Joseph Buhagiar)*

## Il-Perijodu tat-Tempji Megalitiċi

F'dan il-perijodu, mela, naraw ukoll żvilupp importanti ħafna għaliex fl-inħawi ta' Marziena kien hemm tempju megalitiku tal-Fażi tal-Ġgantija. Lejn l-inħawi taċ-Ċawla kien hemm ukoll l-abitazzjonijiet ta' dawn in-nies kif irriżulta minn skavi li saru dan l-aħħar wara polemika skandaluża li nqalgħet. Dan l-iżvilupp sar ukoll fil-limiti ġeografiċi tar-Rabat imma kien irrelevanti għar-Rabat storiku għas-sempliċi raġuni wkoll li r-Rabat storiku kien għadu ma jeżistix. Fejn illum hemm ir-Rabat storiku kien għadu kampanja.

U la ġejna f'dan, ara ma jmurx xi ħadd jemmen li fejn San Ġorġ tal-Ħaġar jew flok il-Bażilika ta' San Ġorġ kien hemm xi tempju megalitiku. It-tempju megalitiku tar-Rabat kien f'ta' Marziena u seta' kien kbir bħall-Ġgantija, imma 5000 sena jfissru ħafna u aħna l-Għawdxin ninsabu verament ixxurtjati li għad fadlilna l-Ġgantija. Dan qiegħed ingħidu biex inġegħilkom tirrealizzaw x'miraklu jrid ikun biex bini antik iservi daqstant eluf ta' snin u kemm għandna għaliex nibżgħu għal dak li fadal.

## Il-Fażijiet ta' Żmien il-Bronż

Għal xi raġuni misterjuża n-nies tal-perijodu tat-tempji megalitiċi kienu spiċċaw u aktarx il-gżejjer Maltin baqgħu għal ħafna snin bla nies. U damu hekk sakemm mewġa ta' immigrazzjoni ta' nies li kienu jafu jaħdmu l-armi tal-bronż laħqet lil dawn il-gżejjer. Dan ġara għall-ħabta tas-sena 2500 q.K. meta f'dawn il-gżejjer ġew in-nies magħrufa bħala tal-Fażi taċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien. Elf sena wara kien ġew nies oħra ta' żmien il-Bronż, dawk tal-Fażi ta' Borġ in-Nadur, għall-ħabta tas-sena 1500 q.K. L-aħħar Fażi kienet dik magħrufa bħala tal-Baħrija li bdiet għall-ħabta tas-sena 900 q.K. u spiċċat lejn is-sena 725 q.K. meta mbagħad fil-gżejjer Maltin ġew il-Feniċi, li kienu jafu jiktbu, u allura magħhom beda wkoll iż-Żmien Storiku.

## Il-Fażi taċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien

In-nies ta' din il-Fażi kienu l-ewwel nies ta' żmien il-Bronż li ġew f'dawn il-gżejjer. Meta ġew sabu t-tempji megalitiċi abbandunati. Għandna għax nifhmu li dawn in-nies skantaw mhux ftit b'dak il-bini ġgantesk u sabuh komdu li jokkupawh. Fit-Tempji Megalitiċi ta' Ħal Tarxien huma għamlu saħansitra Ċimiterju

biex fih jidfnu l-mejtin tagħhom li huma kienu jaħarqu. Kien minn dan il-fatt li din il-Fażi ħadet isimha.

In-nies tal-Fażi taċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien ġew ukoll Għawdex u aktarx akkupaw ukoll il-bini megalitku li meta ġew kien għadu kważi intatt. Mela dawn in-nies għammru wkoll f'ta' Marziena, f'taċ-Ċawla u f'ta' Ċenċ. Id-dolmen ta' Ċenċ inbena fi żmien din il-Fażi għaliex dan il-bini hu fdal ta' Żmien il-Bronż. Dan id-dolmen u l-fdalijiet ta' qabar li kienu nstabu ħdejn il-Magna tad-Dawl huma xhieda l-aktar ċara fejn kienu jgħammru dawn in-nies. Il-ġebla ta' Sansuna fi Triq Ġnien Imrik, ix-Xagħra, aktarx li kienet ukoll dolmen ta' żmien il-Bronż. L-imkien fejn illum hemm ir-Rabat storiku kien għadu kampanja u ma kienx magħżul minn dawn in-nies biex igħammru fih. Ma hemm ebda raġuni soda għala kellhom jagħmlu dan. In-nies ta' din il-Fażi ma kellhom ebda sehem la dirett u lanqas indirett fl-iżvilupp tar-Rabat storiku.



*Il-Għolja ta' Gelmus ma kenitx magħżola min-nies ta' Żmien il-Bronż - Fażi ta' Borġ in-Nadur - minħabba l-parti l-baxxa n-naħa ta' wara msejħa "Dahar il-Ħmar"*

## Il-Fażi ta' Borġ in-Nadur

In-nies ta' din il-Fażi waslu f'dawn il-gżejjer għall-ħabta tas-sena 1500 q.K.. Skond l-arkeoloġi, in-nies ta' din il-Fażi ta' Żmien il-Bronż kienu nies tal-gwerra, armati sa snienhom, u kienu jagħżlu biex igħammru fuq il-qċaċet skomdi tal-għoljiet, dawk b'sisien maqtugħin għad-dritt u diffiċli biex wieħed jitla' fuqhom. Skond l-arkeologu Ingliż, Dr David Trump, f'Għawdex dawn in-nies għażlu li jgħammru fuq il-Għolja tan-Nuffara, bejn ix-Xagħra u n-Nadur, u li sa ftit ilu kienet għadha tagħmel mar-Rabat.

Iżda ġara li fl-1960 bċejjeċ ta' xaqquf u fuħħar ta' din il-Fażi nstabu fi trinka fonda li kienet tħaffret fil-Pjazza tat-Tokk minħabba l-latrina ta' taħt l-art li riedu jagħmlu ħdejn il-Banka tal-Ġurati. Dawn il-bċejjeċ ta' fuħħar instabu f'fond ta' 3.70 metri u kważi fuq it-tafal naturali. Dan il-fatt jikkonferma l-għamla ta' wied li kellhom l-inħawi ta' din il-pjazza f'dawk iż-żminijiet bikrin. Imma kif jista' jkun li fuħħar ta' dan it-tip jinsab proprju ġewwa wied meta dawn in-nies ta' Borġ in-Nadur kienu jagħżlu li jgħammru fuq il-qċaċet għoljin tal-għoljiet bħal, per eżempju, il-Għolja tan-Nuffara? Għal għajnejn esperti t-tweġiba m'għandhiex tkun waħda tqila.

Fl-aħħar nofs tas-seklu l-ieħor, meta kienu qegħdin isiru xogħlijiet fit-Taraġ tal-Belt u l-Foss tal-Kastell instabu ħafna silos ta' sura ta' qanpiena b'xi rmied ġo fihom. L-arkeologu Malti, Dr. A.A. Caruana kien qal li huma *columbarium* Ruman. Dan ġara għaliex fil-waqt li dan l-arkeologu kellu tagħlim profond fl-istudji klassiċi, dwar iċ-ċiviltajiet preistoriċi ma kien jaf xejn. Għalih, biex nagħti eżempju, it-tempji megalitiċi tagħna kienu bnewhom il-Feniċi. Is-silos ta' għamla ta' qanpiena bl-irmied ġo fihom ma kinux *columbarium* Ruman imma fdalijiet ta' żmien il-Bronż, tan-nies tal-Fażi ta' Borġ in-Nadur, li għammru fuq il-Għolja tal-Kastell, tewmija ma' dik tan-Nuffara u li għandha

wkoll kuntatt viżwali magħha. Il-fdalijiet tat-Tokk huma relikwi konsegwenzali tal-qagħda tagħhom fuq din il-għolja. Dan huwa kkonfermat ukoll minn fdalijiet li


*Il-Għolja tan-Nuffara fil-Lvant ta' Għawdex hija tewmija ma' dik tal-Kastell u fuqha għammru wkoll in-nies ta' Żmien il-Bronż - Fażi ta' Borġ in-Nadur.*

nstabu fil-Pjazza tal-Kattidral meta kienu qegħdin iħaffruha minħabba l-mina l-ġdida, kif ukoll fdalijiet oħra li nstabu kemm fuq is-Sur kif ukoll fil-Foss. Għax il-Foss hu verament id-depożitarju tax-xaqquf u l-fuħħar taż-żminijet kollha li minnhom għadda l-Kastell. Huwa verament għajb li l-Awtoritajiet tal-Mużew ippermettew li dan il-Foss jitnaddaf mingħajr ma ġie investigat sewwa l-materjal li tneħħa minnu.

Għaliex in-nies ta' Borġ in-Nadur għażlu proprju din il-għolja u mhux xi għolja oħra bħal ngħidu aħna ta' Gelmus jew ta' Kuljat biex ikun l-imkien ewlieni tal-qagħda tagħhom f'Għawdex? Ir-raġuni hija sempliċi ħafna biex wieħed jifhimha. Ta' Gelmus m'hix tajba minħabba n-naħa magħrufa bħala Dahar il-Ħmar. L-istess ta' Kuljat minħabba l-Ħarrax, għalkemm hemm min isostni li fuq ta' Kuljat instabu xi tracċi ta' fdalijiet tal-Fażi ta' Borġ in-Nadur, imma mhux daqs in-Nuffara u l-Kastell. Imma l-għolja tal-Kastell hi l-aħjar waħda biex tista' tkun difiża minħabba li hi għolja indipendenti, b'sisien għoljin, u widien fondi u wesgħin dawramejt.

Fi żmien il-Fażi ta' Borġ in-Nadur l-inħawi fejn illum hemm it-Tokk u r-Rabat storiku kienu għadhom kampanja. Imma ħadd ma għandu jistenna li dawn in-nies ta' Borġ in-Nadur kellhom jibqgħu għal dejjem igħammru fuq il-Għolja tal-Kastell u fuq in-Nuffara bla ma jinżlu qatt fl-inħawi aktar baxxi. B'dana kollu, jekk x'uħud minnhom niżlu jgħammru fl-inħawi tar-Rabat, dan għamluh wara li kienu ilhom għal xi żmien igħammru fuq il-Għolja tal-Kastell. Mela kien minħabba l-abitazzjoni tan-nies ta' Borġ in-Nadur fuq il-Għolja tal-Kastell li sussegwentement qagħdu għall-ewwel darba n-nies fil-post fejn illum hemm ir-Rabat storiku.

## Il-Miġja tal-Feniċi u l-Kartaġiniżi

Wara s-sena 725 q.K., meta ntemmet l-aħħar Fażi ta' Żmien il-Bronż, dik tal-Baħrija, bdew jitfaċċaw fl-ibħra tal-gżejjer tagħna l-imriekeb tal-Feniċi, in-nies ta' Tiru belt fl-art tal-Feniċja li kienet tinsab fuq il-kosta tal-baħar Mediterran ta' dak il-pajjiż li llum jissejjaħ il-Libanu, *Lebanon* bl-Ingliż jew *Libnan* bil-Għarbi. Meta Kartaġni bdiet tasserixxi ruħha bħala belt l-aktar importanti u setgħana li kienu waqqfu l-Feniċi fil-kosta ta' l-Afrika tat-tramuntana fl-art fejn illum hemm it-Tuneżija, il-gżejjer tagħna bil-mod il-mod għaddew taħt id-dominju tal-Puniċi ta' Kartaġni li huma għalhekk ħadu bħala wirt naturali mingħand il-Feniċi, qraba tagħhom.

Mhux għaġeb, mela, li fit-trinka msemmija tat-Tokk, l-arkeologu Ingliż fuq il-fdalijiet tan-nies ta' żmien il-Bronż sab saff irqiq ta' fdalijiet Puniċi. U fejn għandu wieħed jistenna fdalijiet bħal dawn jekk mhux fl-aktar parti fonda li kien hemm fl-istess inħawi? Imma allura għandna nemmnu

b'għajnejna magħluqa li l-Puniċi meta ġew u għammru f'Għawdex kellhom fost tant kemm kien hawn inħawi jmorru jgħammru proprju ġewwa wied taħt għolja viċina minfejn setgħu jiġu attakkati? Jew għamlu bħan-nies ta' qabilhom u għażlu bħala l-aktar post sigur u li jista' jiġi difiż malajr il-Għolja tal-Kastell u hemm għamlu l-belt tagħhom? Kif nistgħu nkunu nafu l-verita` u ma naqgħux fin-nassa tal-qerq li għax il-fdalijiet insabu hemm, allura hemm kienu jgħammru l-Puniċi Għawdxin f'dawk iż-żminijiet imbiegħda?

Qabel xejn irridu naraw jekk il-Puniċi kellhomx għalfejn ikunu f'post fiż-żgur. Iva, il-Puniċi kienu neguzjanti bħal missirijiethom il-Feniċi. Aħna żguri li meta dawn waqqfu l-belt tagħhom fi gżiritna ma setgħux jagħżlu ħlief post li jkun żgur minn xi attakk tal-ħallelin tal-baħar u li fih setgħu jibnu t-tempji lill-allat tagħhom u jżommu wkoll ġidhom u t-teżori tagħhom. Li l-Feniċi u l-Puniċi kellhom teżori ta' deheb nafuh mil-leġġendi tal-għoġol tad-deheb, u teżori oħra tad-deheb li kien jingħad li jinsabu moħbija fil-kampanja tagħna u li effettivament instabu b'mod aċċidentali minn xi Għawdxin sekli wara. U fejn setgħu l-Puniċi jkollhom il-belt iffortifikata tagħhom jekk mhux fuq il-Għolja tal-Kastell, fiha nfisha sur naturali u li ma jista' jirbaħlu ħadd?

Imma ejjew immorru xi ftit aktar 'il bogħod u nqabblu ftit kif kienu jibnu l-bliet tagħhom f'dawk iż-żminijet il-Puniċi u n-Numidjani ta' l-Afrika ta' Fuq. Dan nistgħu nagħmluh billi niflu xi ftit kif kienu mibnija l-bliet fl-Afrika ta' Fuq attakkati mir-Rumani fil-gwerra kontra Ġugurta li l-istorja tagħha nkitbet mill-awtur Ruman Sallustu. Se nikkwota minn "Jugurthine War", pubblikazzjoni tal-Penguin Classiscs 1967, p. 74, fejn dwar il-belt Suthul, li probabbilment kienet tinsab ħdejn Gwelma xi 35 mil fil-lbiċ ta' Bona, insibu miktub:

*"The bad weather and the natural strength of the place made it impossible either to storm it or to lay siege to it; for all round the walls,* ***which were built on the edge of a precipitous cliff,*** *lay a swampy plain which had been turned by the winter rains into a lake."*

Minn paġni 109 u 110 ta' l-istess ktieb nislet dan it-tagħrif dwar il-belt ta' Thala (il-post eżatt fejn kienet din il-belt ma ġiex identifikat):

*"The townspeople who had supposed to be protected by the* ***difficulty of the ground,*** *were disconcerted by the Romans' unprecedented feat..."*
*"When Metellus saw that the defenders of Thala were bent on fighting it out and that* ***the place was protected both by its situation and by fortifications,*** *he encircled the walls..."*



*Is-Sur Medjoevazli tal-Kastell. Fl-Afrika ta' Fuq il-PuniċI kienu jibnu bliet simili bis-swar fuq sisien imqaċċtin.*

Hawn ta' min iżid li meta n-nies ta' Thala ntebhu li kienu se jitilfu, għamlu ħuġġieġa bit-teżori kollha tal-belt u ntefgħu fin-nar, kastig li kienu jistennew li se jaqligħu mingħand ir-Rumani fil-każ li l-belt taqa' taħt idejhom.

Nagħti issa l-aħħar eżempju minn paġni 128 u 129 ta' l-istess pubblikazzjoni:

*"Not far from the river Muluccha... was* ***an isolated rocky hill, large enough to hold a small fort;*** *it was exceedingly high and was accessible only by a narrow path,* ***the other sides being as sheer as if they had been deliberately cut to make them so.*** *As this place contained the king's treasure-house, Marius determined to put forth all his strength to capture it."*

Żgur li Marius ma kien jirnexxilu qatt jirbaħ din il-fortizza kieku x-xorti m'għenitux. Araw kif:

*"...it happened that a Ligurian, a private in an auxiliary cohort, who had left the camp to get water and wandered to the side of the hill farthest from the fighting,. noticed some snails crawling among the rocks. He picked up one or two, then he climbed up looking for more; and in his eagerness to collect as many as he could he gradually made his way nearly to the top. There, as he found himself quite alone, the natural inclination to attempt something difficult turned his thoughts to a new direction. Just where he was, a big ilex happened to have grown up among the rocks; its trunk ran horizontally for a short way, then turned and rose up vertically, following the natural habit of plants. Helping himself up either by its branches or by projecting rocks, the Ligurian managed to reach* ***the rocky platform on which the fortress stood..."***

Tistħajlekx qiegħed taqra deskrizzjoni ta' wieħed qiegħed jixxabbat mal-blat tat-tramuntana tal-Kastell ta' Għawdex?

Huma eżempji bħal dawn li juruna kif kienu jibnu l-bliet il-Puniċi u nies oħra fl-ewwel sekli ta' qabel Kristu. Imbagħad hawn min irid ibellagħhielna li l-Puniċi Għawdxin waqqfu l-belt tagħhom mhux fuq il-għolja tal-Kastell imma proprju fil-wied u fix-xagħra ta' taħt din il-għolja! Min jista' jemminhom nies bħal dawn? Liema studjuż rasu fuq għonqu jista' jasal biex jagħtihom raġun?

Wieħed irid jammetti li l-għolja tal-Kastell hija ta' daqs limitat ħafna, imma hija kbira biżżejjed biex fuqha titwaqqaf belt żgħira li kienet taqdi l-ħtiġijiet tal-ftit nies li kienu jgħammru f'Għawdex f'dawk iż-żminijiet. U fost dawn il-ħtigijiet kien hemm il-kenn li wieħed ifittex f'każ ta' xi ħbit tal-ħallelin tal-baħar u/jew għedewwa oħra. Għalhekk kien ikun meħtieġ ukoll li dawk in-nies li ma setgħux jibnu d-dar tagħhom fil-belt proprja, kienu jagħmlu dan fil-qrib kemm jista' jkun. Għalhekk m'hix ħaġa kbira li taħt il-belt Punika bdew jinbnew l-ewwel djar 'il barra mill-fortifikazzjonijiet. U dan il-post fejn beda jsir dan l-ewwel bini kien proprju fejn illum hemm ir-Rabat. Ix-xhieda awtentika, li turina li beda jsir hekk u għaliex beda jsir hekk, hija mhux biss il-fdalijiet Puniċi li nstabu fit-Tokk, imma wkoll l-art taflija li fuqha hu mibni r-Rabat, almenu l-parti l-kbira tiegħu. Dan il-bini beda jsir hawn mhux għax kien hemm xi pjan jew għax ir-Rabat huwa ċentru għaliex f'dawk iż-żminijiet li tkun ċentru ma kien ifisser xejn. Imma kien ifisser wisq aktar li tkun viċin il-belt, fejn wieħed jista' jistkenn u jieħu ħwejġu jekk jinqala' l-bżonn.

Billi ħafna nies ma jafux xi jfisser dan, se nkompli nagħti ftit aktar dettalji dwar x'kien jiġri meta Għawdex kien ikun maħbut mill-ħallelin tal-baħar jew mill-għedewwa. Qabel xejn irrid ngħid li l-biċċa l-kbira tal-ġid tan-nies ta' dari kienu l-prodotti tal-biedja u l-bhejjem. Għamara u xejxi oħra ftit li xejn kien ikollhom. Dawn kienu jkunu biss għand l-aktar sinjuri li, naturalment, kienu joqogħdu fil-belt iffortifikata. Id-djar kienu għorof għaliex ħajjithom ma kinux iqattgħuha d-dar, imma fir-raba'. Meta kien isir ħbit, kienu jaqbdu kollox u jerħulha lejn il-belt. Kienu jieħdu kollox magħhom għaliex dak li jħallu warajhom jew ma jsibuhx għax jinsteraq, inkella jinqered bin-nar mill-għedewwa. U din hi r-raġuni għaliex, tafal u mhux tafal, wied u mhux wied, l-ewlenin Puniċi bnew l-ewwel djar tagħhom barra mill-belt proprju fil-post tafli fejn illum hemm ir-Rabat storiku, biex ikunu fil-qrib kemm jista' jkun. Kieku ma kienx hekk, kieku kienu jagħmlu bħan-nies ta' Żmien it-Tempji Megalitiċi u jibnu l-belt tagħhom fuq art kollha blat taż-żonqor u mhux le fuq it-tafal bla ħtieġa ta' ħsieb għad-difiża għax ma kellhomx min xiex jibżgħu.

## Il-Miġja tar-Rumani

Il-gżejjer ta' Malta u Għawdex għaddew definittivament taħt ir-Rumani fis-sena 218 q.K., jigifieri fit-Tieni Gwerra Punika. Kien hemm tliet Gwerer Puniċi bejn Kartaġni u Ruma. L-aħħar waħda kienet miġġielda bejn is-snin 149 u 146 q.K. Jidher li meta ġew ir-Rumani l-Puniċi-Għawdxin żammew mar-Rumani u għalhekk il-belt tagħhom ġiet dikjarata bħala Muniċipju u l-Għawdxin kellhom saħansitra l-fakulta' li jagħmlu l-muniti tagħhom. Jista' jkun li bejn l-aħħar żewġ Gwerer Puniċi, ir-Rumani bnew xi torrijiet tal-għassa billi Kartaġni kienet għadha ma waqgħetx għal kollox għalkemm il-qawwa tagħha kienet inġabet fix-xejn. Imma żgur wara l-waqgħa ta' Kartaġni ma kienx hemm il-ħtieġa ta' xi fortifikazzjonijiet partikulari. Żgur li r-Rumani ma kinux se jibnu belt fuq it-tafal. X'ġara, mela, sewwa fi żmien ir-Rumani? Ċertament, kemm il-belt li kienet fuq il-għolja tal-Kastell, kif ukoll ir-Rabat, li kif rajna żviluppa bħala estensjoni tal-belt fuq il-għolja, komplew jiżviluppaw frott tal-kummerċ u l-ġid li ġabet magħha l-PAX ROMANA.

Fir-Rabat huma bnew bosta bini importanti u monumenti. Ta' dan instabu bosta fdalijiet fl-imgħoddi. Il-ġebel kbir li nstab fir-Rabat u anki fil-Kastell aktarx huwa ġebel tal-pedamenti ta' bini importanti. X'kien dan il-bini, u kif kien, ħadd ma jista' jgħid. Żgur ma kinux il-pedamenti ta' xi swar! Tpinġijiet b'tempji u bażilki Rumani huma kollha teoriji u ħrejjef, u m'għandhomx jitwemmnu. Hawnhekk wieħed jista' joġġezzjona u jgħid: Mela fir-Rabat ta' Malta kif kien hemm belt Rumana bis-swar u bil-foss? Ir-raġuni hija semplici. Malta minn dejjem kienet wisq akbar minn Għawdex. Il-popolazzjoni u s-saħħa ekonomika kienet tippermetti li tinbena belt bħal din. Barra minn dan, u dan huwa importanti ħafna, ir-Rabat ta' Malta huwa mibni fuq il-blat taż-żonqor u mhux fuq it-tafal u għandu l-istess livell ta' l-Imdina. Il-belt klassika ta' Malta kienet imdina kbira, ħaġa waħda. Rigward Għawdex, s'issa għadu ħadd ma ħareġ b'xi xhieda konvinċenti li xi darba r-Rabat ta' Għawdex kien imdawwar bis-swar. L-isem ta' Gaulos Oppidum kien jirreferi għall-belt oriġinali fuq il-għolja. Ma nafux jekk dan l-isem kienx jinkludi fit-tifsira tiegħu l-estensjoni tal-belt oriġinali fir-Rabat, imma jekk kien lanqas ma jagħmel xi differenza.

## Il-Kastell kien Akropoli?

Li fuq il-għolja fejn illum hemm il-Kastell fl-antik kien hemm tempju jew tempji dedikati lill-allat pagani hu konfermat minn xhieda ta' sejbiet ta' kolonni u kapitelli, kif ukoll pedamenti, ta' dan il-bini, sejbiet li saru matul is-sekli u meta kienet qiegħda tinbena l-Knisja Kattidrali preżenti. Aktarx li dawn it-tempji bnewhom l-ewwel darba l-Puniċi li waqqfu l-belt Għawdxija fuq il-għolja tal-Kastell. Jekk ir-Rumani żammux dawn it-tempji, bidluhomx, bnewx oħrajn ġodda, wieħed ma jistax igħid b'ċertezza. Lanqas jekk bidlux il-għolja tal-Kastell f'akropoli kif kienet id-drawwa tagħhom. Imma jekk il-għolja tal-Kastell kienet xi darba Akropoli Rumana, wieħed m'għandux jippretendi li akropoli ta' gżira fqira bħalma dejjem kien Għawdex għandha tkun ta' l-istess livell ta' dik ta' Ruma jew ta' Ateni! Min jagħmel paraguni bħal dawn juri jew li ma jifhimx jew li għandu skopijiet ulterjuri, jiġifieri li jmaqdar, iċekken u jżeblaħ għall-għanijiet ta' moħħu. Jiena nemmen li billi ma kinux ir-Rumani li waqqfu l-belt Għawdxija fuq il-għolja tal-Kastell, dan l-imkien baqa' post



*Il-ħajt tal-Foss tal-Kastell imċarrat biex tħammel it-terrapien ta' ġo fih. Il-Foss hu depożitarju ta' fdalijiet miż-żminijiet kollha li għaddiet minnhom din il-belt antika tal-Għawdxin.*

abitat bid-djar anki fi żmienhom bi żvilupp skond il-moda u skond iż-żmien kif wieħed jista' jissopponi.

## Rikapitulazzjoni

Mela, minn dak li rajna s'issa nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li l-oriġini tal-belt Għawdxija tinsab fuq il-għolja fejn illum hemm il-Kastell jew iċ-Ċittadella li kienet abitata l-ewwel min-nies ta' Żmien il-Bronż - Fażi ta' Borġ in-Nadur - u mbagħad mill-Puniċi li kienu jħobbu jibnu l-bliet tagħhom fuq għoljiet b'sisien imqaċċtin. Aktarx li r-Rumani ftit għamlu tibdiliet ħlief fil-każ ta' dak li jkollu jsir skond il-ħtieġa u billi waqqfu wkoll diversi monumenti bi flus il-poplu kif kienet id-drawwa tagħhom. L-iskrizzjonijiet ta' dawn il-monumenti nstabu, ħafna minnhom fir-Rabat, imma dawn fihom infushom m'humiex prova li l-belt oriġinali Għawdxija kienet ir-Rabat jew li r-Rumani ppjanaw li jibnu belt fuq it-tafal. Ir-Rumani ma kinux boloh kif hemm min jaħsibhom.

Ir-Rabat storiku jaf l-oriġini tiegħu mit-tusigħ, mit-tkabbir naturali u mill-iżvilupp tal-belt ċkejkna fuq il-għolja tal-Kastell, kemm mill-Puniċi u aktar u aktar mir-Rumani. Ma jistax ikun mod ieħor għaliex dari d-difiża u l-kenn mill-ħbit tal-ħallelin tal-baħar kienet l-aktar ħaġa importanti u għalhekk in-nies kienu jibnu djarhom proprju għall-kenn tal-Għolja tal-Kastell. M'hemm ebda raġuni oħra għala l-Għawdxin antiki kellhom jippjanaw li jibnu belt fuq wied tafli. Mela l-belt oriġinali Għawdxija ma kenitx ir-Rabat, imma dik fuq il-Għolja tal-Kastell.

Fiż-żminijiet storċi l-aqwa eżempju u l-aktar wieħed ċar huwa l-każ tal-Kastell

Sant'Anġlu u l-Birgu. Il-Birgu żviluppa bħala estensjoni tal-Kastell imsemmi.

## Żmien il-Biżantini

Meta l-Imperu Ruman tal-Punent beda jispiċċa fix-xejn u l-gżejjer Maltin għaddew taħt l-Imperu Biżantin fil-lvant, bdew resqin fuq dawn l-inħawi żminijiet aktar koroħ bil-vandali jiġġerrew ma' kullimkien jagħmlu ħerba minn kull ma kien fadal miċ-ċiviltà Rumana. Dokumenti rilevanti dwar il-ħajja f'Għawdex f'dan il-perijodu m'għandniex. Imma hija ħaġa ċerta li ladarba l-periklu mill-baħar kien żdied, l-importanza tal-belt fuq il-għolja tal-Kastell żdiedet ukoll.

Hawn ta' min iżid li fi Żmien il-Biżantini f'Malta u Għawdex kien hawn żgur l-ewwel insara għaliex Malta u Għawdex kellhom l-Isqof tagħhom. Mela kien f'dan iż-żmien li tfaċċaw l-ewwel insara. L-ewwel nies konvertiti għall-Kristjaneżmu kienu jkunu dawk ta' l-ibliet u mhux ta' l-irħula jew tal-kampanja li baqgħu ma ridux jemmnu. Għalhekk minn *pagus* li tfisser raħal għandna l-kelma pagan, wieħed li baqa' jemmen bl-allat foloz. Minn dan għandna għax nifhmu li l-ewwel insara Għawdxin aktarx waqqfu l-ewwel knisja tagħhom fil-belt bħalma sar fi bnadi oħra.

## Il-Ħakma tal-Għarab

Minn taħt il-Biżantini, fis-sena 870 w.K., il-gżejjer Maltin għaddew għal taħt il-ħakma tal-Għarab Aglabiti. Ma kinux dawk żminijiet ta' paċi u sliem. Kienu żminijiet ta' taqbid fuq l-art u fuq il-baħar. Kienu żminijiet ta' attakki minn fuq il-baħar, bħalma fil-fatt għamlu l-Għarab Aglabiti li ġew hawn biex jaħkmu lil dawn l-gżejjer minn taħt idejn il-Biżantini. M'hemm ebda dubju li f'dawn iż-żminijiet ir-Rabat ta' żmien ir-Rumani kien sofra ħafna u tħarbat. Dan jixhed b'mod ċar li r-Rabat ma kellu ebda ħitan biex iħarsuh minn inkursjonijiet minn fuq il-baħar. Aktarx li l-popolazzjoni kienet naqset sew u l-ħakkiema ġodda Għarab raw li l-aħjar ħaġa tkun li jżommu biss fil-belt oriġinali li bl-ilsien semitiku tagħhom sejħulha MEDINA li tfisser belt. Il-bini ta' barra l-ħitan sejħulu Rabat, subborg. Kieku dan il-post kien imdawwar bis-swar żgur li ma kienx jingħata dan l-isem li jiddeskrivi eżatt x'inhu: subborg, estensjoni tal-belt. Wieħed ma jridx jinsa li f'dak iż-żmien ir-Rabat kien verament żgħir

Jekk kienx hemm xi perijodu li fih Għawdex kien depopulat bħalma jgħid Al Himjari dwar Malta, ma nafux, għaliex Al Himjari ma jsemmix lil Għawdex. Imma l-fatt li fi żmien in-Normanni l-għadd ta' familji Nsara kien relattivament kbir meta mqabbel ma' Malta, jista' jagħti indikazzjoni li fil-fatt ir-reliġjon Nisranija qatt ma nqerdet mill-gżira ta' Għawdex. B'dana kollu ma nistgħux ngħidu kienx hemm knejjes jiffunzjonaw u libertà reliġjuża fi żmien il-Għarab, li jien naħseb li kienet ħaġa wisq improbabbli.

L-akbar dokument ħaj ta' żmien il-Għarab huwa l-ilsien Malti u l-ismijiet toponomastiċi tal-gżira. Dwar dan għad nitkellmu f'kitba separata. Hawnhekk irrid ngħid biss li l-istudjużi tagħna, speċjalment dawk żgħażagħ, għandhom joqogħdu ħafna attenti minn ċerti kitbiet mimlija ideat fantastiċi, bħal dawk ta' Pawlu Mizzi fl-istess artiklu, dwar id-derivazzjoni u t-tifsir ta' kliem toponomastiku, frott ta' nuqqas ta' għerf fix-xjenza tal-lingwistika u tagħlim fqir ta' l-ilsna semtiċi. Kitbiet bħal dawn għandhom jinqraw biss għall-kurżità u qatt m'għandhom jiġu kkwotati bħala kitbiet awtorevoli.

## Għawdex igħaddi taħt in-Normanni

Billi fis-1090 il-gżejjer Maltin ġew liberati mill-ħakma tal-Għarab mill-Konti Ruggieru n-Normann, Għawdex ukoll għadda taħt idejn is-slaten Insara Ewropej. Hu maħsub li l-poplazzjoni kienet Musulmana u kienx hawn Insara huwa dibattibbli. Lanqas m'għandna naħsbu li din il-liberta' ġiet hekk, mill-ewwel. Iżda l-libertà reliġjuża ssaħħet żgur bil-miġja f'Malta ta' għadd ta' Nsara minn Sqallija bejn is-snin 1127 u 1154 A.D. Jista' jkun li parti minn dawn in-nies ġew ukoll Għawdex, u aktarx tqiegħed ukoll gwarniġġjun fil-Kastell Sant'Anġlu (Luttrell). Għalhekk, jekk m'għamel xejn tajjeb il-Konti Ruggieru, żgur li ġab il-libertà reliġjuza f'din il-gżira ċkejkna għaliex għal ħafna snin l-Insara u l-Musulmani kienu jgħixu flimkien kif jidher b'mod l-aktar ċar ħafna snin wara fir-Rapport ta' Giliberto Abbate tas-sena 1241 w.K. sakemm, imbagħad, il-Għarab tkeċċew 'il barra minn dawn il-gżejjer darba għal dejjem minn Federiku t-Tieni fl-1249. La darba kien hawn l-Insara, allura kien hawn il-knejjes. U la kien hawn il-knejjes kien hawn ukoll il-knisja ewlenija fejn l-insara kienu jirċievu l-magħmudija u s-sagramenti l-oħra. Tajjeb ninnutaw ukoll li fis-sena 1168 Malta kellha l-isqof tagħha li kien suffraganju għal dak ta' Palermo.

Il-libertà reliġjuża li ġab il-Konti Ruġġieru - u aktar u aktar is-suċċessuri tiegħu - tista' titfisser bil-leġġendi li hemm marbuta mal-miġja tiegħu. Sfortunatament, ċerti nies li ma jifhmu xejn fil-folklor u fil-psikoloġija poplari jinterpretaw il-leġġendi *ad litteram,* igħidu li huma ħrejjef, u allura jikkonkludu li ma jfissru xejn. Dan hu żball kbir u juri nuqqas ta' kultura u tagħlim skolastiku. Bis-saħħa tal-libertà reliġjuża li ġabu n-Normanni, il-kult Nisrani seta' jerġa' jiffjorixxi bil-ftuħ tal-knejjes, anki jekk din il-ħaġa m'għamilhiex personalment il-Konti nnifsu jew dawk li ġew warajh, anki jekk dan ħarbat il-popolazzjoni u għamel affarijiet li normalment kienu jsiru f'dawk iż-żminijiet bħala riżultat ta' gwerra.

U hawn nixtieq nerġa' ftit lura u ngħid xi ħaġa dwar il-miġja ta' San Pawl u d-dedikazzjoni tat-tempju ta' Giunone li jingħad li ġie dedikat minnu lill-Madonna. Din hija leġġenda. Dawk li din il-leġġenda tweġġagħhom joġġezzjonaw u jgħidu: ir-Rumani pagani kienu għadhom jaħkmu fuq Għawdex anki sa mitejn u tlett mit sena wara Kristu u allura dak li jingħad dwar San Pawl li bidel it-tempju pagan f'wieħed Nisrani m'hux veru. Il-festa ta' l-Assunzjoni, li fil-bidu kienet tissejjaħ id-*Dormitio* jew ir-Raqda tal-Madonna, ġiet stabbilita wara erbat mit sena wara Kristu, allura San Pawl ma setax jiddedika tempju lill-Assunta meta din il-festa kienet għadha ma ssirx.

Ħalli nwieġbu għal dawn l-oġġezzjonijiet. L-ewwel nett, affarijiet kbar dejjem jiġu attribwiti lil nies kbar. Għalhekk, jekk it-tempju ta' Giunone, f'xi żmien ġie ddedikat lill-Madonna, din il-ħaġa, anki jekk ma saritx minnu, kienet tiġi attribwita lil dak l-Appostlu li l-aktar xerred it-tagħlim Nisrani fost il-ġnus. L-istess Ittri ta' San Pawl mhux bilfors kollha kitibhom hu. Il-Kotba Mqaddsa mhux bilfors kitbuhom l-awturi msemmija. Jekk xi ħadd imerina dwar dawn l-argumenti nkomplu nespandu u nikkwotaw awtoritajiet kbar biex nippruvaw il-verità ta' dak li qegħdin ngħidu.

Jekk it-tempju ġiex dedikat lill-Assunzjoni jew lid-*Dormitio* m'għandhiex tkun kwistjoni. Jekk it-tempju fi żmien il-Puniċi kien dedikat lil Astarte, imbagħad inqaleb fuq Giunone mir-Rumani, allura

tiġi weħidha li l-Insara kellhom jiddedikawh lil xi ħadd femminili. L-Insara m'għandhomx allat nisa. U l-ikbar qaddisa tagħhom hija l-Madonna. Mela t-tempju, wara Giunone, bilfors li ġie dedikat lill-Madonna. U f'dan il-każ tagħmel aktar sens il-qima li kellhom l-ewwel Insara lejn ir-Raqda tal-Madonna u t-Tlugħ Tagħha fis-Sema, kif jixhdu l-kotba apokrifi dwar dan is-suġġett, milli meta twaqqfet uffiċċjalment il-festa ta' l-Assunzjoni.



*Il-Katidral ta' Għawdex li sa mill-eqdem żminijiet kien iddedikat lill-Assunta.*

Mela x'verità nistgħu nisiltu mil-leġġenda msemmija? L-ewwel, li meta l-Għawdxin saru Nsara, dawn ma kissrux u vvandalizzaw it-tempji pagani tagħhom, imma bidluhom fi knejjes Insara. It-tieni, it-tempju dedikat lill-alla mara tal-pagani li kien hemm flok il-Knisja Kattidrali ta' llum, ġie ddedikat lill-Madonna. It-tielet, billi l-ewwel Insara kellhom qima speċjali lejn ir-Raqda tal-Madonna u t-Tlugħ Tagħha fis-Sema, ma niskantawx jekk bdew iqimu lill-Madonna taħt dan it-titlu, anki qabel ma ġiet imwaqqfa l-festa uffiċċjalment. Ir-raba', dawn l-avveniment kbar, anki jekk ma ġrawx fi żmienu, ġew attribwiti lil xi ħadd verament kbir, u min hu akbar minn San Pawl?

## Ir-Rapport ta' Giliberto Abbate

Wieħed mid-dokumenti li jkisser għal kollox l-argumenti ta' Pawlu Mizzi dwar ir-Rabat u l-Kastell huwa r-Rapport ta' Giliberto Abbate ta' l-1241 A.D. Imma wieħed għandu għax jiskanta kemm hawn min jaf joħloq ideat fantastiċi. Mizzi ħoloq it-teorija, safejn naf jien aċċettata biss minnu nnifsu, li l-Kastell ta' Giliberto Abbate huwa r-Rabat u li l-Gran Kastell ta' fuq il-Għolja nbena wara u dan għax ma jissemmiex Kastellan! Allura dan, skond Mizzi, inbena għall-ħabta tas-sena 1275 għax wara dik id-data beda jissemma l-Kastellan. Issa dan huwa argument falz għaliex in-nuqqas ta' Kastellan ma jfissirx li ma kienx hemm Kastell, imma jfisser li għal xi raġuni dan l-uffiċċju ma kienx jeżisti. Anki l-kwistjoni tal-poplazzjoni. X'jippretendi Mizzi li n-nies ta' dawk iż-żminijiet kellhom id-djar sinjorili li għandna llum jew li ġew wara? Dari f'kamra waħda kienet toqgħod familja, kemm jorqdu, u mbagħad fil-għodu kmieni joħorġu barra biex imorru jaħdmu fir-raba'. Din hi parti mill-istorja soċjali tal-gżejjer tagħna li Pawlu Mizzi qiegħed jagħtina x'nifhmu li lanqas biss jaf minfejn tibda.

Pero' dwar ir-Rapport ta' Giliberto Abbate Mizzi għamel żball ieħor li ma jistax jitħalla għaddej. Jekk dan l-iżball għamlux apposta jew inkella minħabba nuqqas ta' serjetà professjonali, ma nistax ngħid. L-

iżball huwa li Mizzi nesa jqabbel il-belt ta' l-Imdina, li m'hemmx dubju fuqha, mal-belt ta' Għawdex biex naraw kemm huma qrib jew imbegħdin minn xulxin.

Mela ħa nittraduċi jien mid-dokument.

***Dwar l-Imdina:*** "U li fil-Kastell tal-Belt ta' Malta hemm żewġ ħmir u bagħal wieħed fil-mitħna tal-miexi li jirċievu kull xahar modd xgħir."
***Dwar il-Kastell ta' Għawdex:*** "U fil-mitħna tal-miexi tal-Kastell ta' Għawdex hemm tliet ħmir, żiemel tal-ġarr u faħal (ħmar tar-razza)."

Dawn iż-żewġ sentenzi jitkellmu weħidhom. L-Imdina u l-Kastel ta' Għawdex kienu kważi bħal xulxin. Ara fil-Kastell Sant'Anġlu, għaliex dan kien aktar kastell milli belt u ried jaqdi wkoll il-ħtiġijiet tan-nies tal-baħar, kien hemm tliet imtieħen tal-miexi. Kieku l-imtieħen kienu r-Rabat, sew ta' Malta u kemm ta' Għawdex, id-dokument ma kienx isemmi kastelli, għaliex l-ebda Rabat ma kien Kastell, u kien igħid ċar u tond li kienu fir-Rabato jew Borgo.

## Dwar l-Istorjografija Għawdxija

Fl-artiklu tiegħu dwar il-belt antika ta' Għawdex Mizzi jiddedika sezzjoni dwar l-istorjografija Għawdxija. Storiku professjonali u serju jagħmel ħiltu kollha biex jagħti stampa kemm jista' jkun viċina u onesta dwar il-ġrajjiet li fuqhom ikun qiegħed jikteb. Storiku serju ma jistax l-ewwel jagħmel teorija, imbagħad igħawwweġ u jinterpreta l-istorja biex tiġi taqbel mat-teorija tiegħu. Min jagħmel hekk jaqa' fl-iżball u llum jew għada se jinqabad. L-istoriku professjonali l-ewwel isib l-evidenzi, imbagħad joħroġ bil-konkużjoni jew konklużjonijiet. Jekk evidenzi ġodda jippruvaw li kien ħa żball, l-istoriku serju għandu jibdel il-fehmiet tiegħu biex jiġu jaqblu ma' l-aħħar skoperti li jkun għamel. Jekk jibqa' jippersisti fl-iżball, ma jissejjaħx storiku, imma ċarlatan li jpaċpaċ fil-vojt.
Għaldaqstant, jekk ir-Rapport ta' Giliberto Abbate jgħid li fl-1241 A.D. f'Malta u Għawdex kien hawn biss tliet Kastelli, inutli li Mizzi jgħid li kien hawn erba' u li r-Rabat kien Kastell għaliex ebda skular serju m'hu se jemmnu. Inutli li joqgħod iparla u jilgħab bil-figuri. Jekk l-Imdina ta' Malta u l-Kastell ta' Għawdex kienu bejn wieħed u ieħor jixbhu 'l xulxin, mela l-Kastell ta' Għawdex huwa dak l-istess wieħed li llum jissejjaħ iċ-Ċittadella u mhux ir-Rabat li qatt ma kellu swar.

Ma nistgħux lil De Soldanis fejn jaqblilna nikkritikawh u fejn jaqblilna nemmnuh bl-amment. Il-ħrafa tar-Rabat imdawwar bis-swar ma nistgħux inkomplu nippropagawha bħala li hi verità sagrosanta meta hemm dubji serji dwarha. Kulma ma qal De Soldanis irid jiġi studjat, kull ħaġa fuq il-merti tagħha nfisha u independentement minn affarijiet oħra. Għandna nippropagaw biss il-verità u mhux dak li jaqbel lilna.

U din kif inhi li meta Mizzi jitkellem fuq dak li jaqbel lilu tgħidx kemm juża kliem sabiħ, u meta jitkellem fuq l-affarijiet ta' ħaddieħor jew dawk li ma jaqbilx magħhom juża l-aktar kliem dispreġjattiv li jista' jsib? Kif jista' jiġi emmnut li hu storiku oġġettiv meta juża dan il-metodu? Jaħseb jewwilla li n-nies ma tindunax li qiegħed ikun aktar partiġġjan milli strettament professjonali?

Nieħdu per eżempju l-espressjoni Forn il-Ġir. Din kif inhi li Mizzi jkompli jsostni li din għandha tkun Fomm il-Ġir meta din l-espressjoni mhux veru li ġejja mill-

Berberu, u meta fid-dokumenti antiki u uffiċċjali dejjem inkiteb Forn il-Ġir? Għaliex imieri s-sewwa magħruf?

Imbagħad, Alla jbierek, aktar 'l isfel fl-istess artiklu, Mizzi jakkuża lil ħaddieħor li qiegħed jimmiżinterpreta t-termini. Min jaf min qiegħed jimmiżinterpreta t-termini? Niġu dwar il-Matriċi. Irid ikollok wiċċek infurrat biex wara mijiet kbar ta' snin li din il-Knisja, jiġifieri l-Kattidral ta' Għawdex, kienet tissejjaħ Matriċi, tiġi int u tgħid, isma' dik mhux vera Matriċi! Int min int, fl-ewwel lok, biex tagħmel asserzjoni bħal din? Int l-



*Il-Knisja ta' San Ġakbu, dokumentata parroċċa fl-1449, kienet waħda mit-tliet parroċċl żgħar 'il barra mill-ħitan tal-Belt Għawdxija. Minkejja l-knejjes żgħar imissu magħhom u fil-qrib, ebda waħda minnhom ma kienet tissejjaħ Matriċi.*

istess wieħed li għidt li Fomm il-Ġir ġejja mill-Berberu? Int l-istess wieħed li għidt li r-Rabat ta' Għawdex, bla ma kkwotajt ebda dokument, kien xi darba jissejjaħ *ħagar*?

Għaliex għidt li t-terminu Matriċi huwa ambigwu? M'hemmx ambigwità f'dan it-terminu: il-Knisja ta' l-Assunta fil-Kastell kienet Matriċi għaliex kienet il-knisja ewlenija fost il-kappellli u l-knejjes kollha ta' Għawdex l-istess bħan-Naxxar, bħal Bir Miftuħ, u l-oħrajn kollha ta' Malta. Imma, kuntrarjament għal dawn, sa minn kmieni, minnha jew fit-terrritorju tagħha twaqqfu l- parroċċi - ta' Savina, ta' San Ġakbu u ta' San Ġorġ, u għalhekk saret ***de facto*** ommhom, Matriċi tagħhom. U meta twaqqfu l-parroċċi ta' l-irħula ta' Għawdex, il-Kolleġġjata ta' l-Assunta saret ***de facto et de jure*** l-Matriċi tagħhom ilkoll, għaliex twaqqfu fit-territorju tagħha u lilhom iddotat bħala ommhom. L-ambigwità qiegħda biss f'moħħ nies bħas-Sur Pawlu Mizzi!

Fl-istess artiklu ta' Pawlu Mizzi, taħt it-taqsima *Different Topography* hemm għadd kbir ta' asserzjonijiet kompletament foloz dwar meta r-Rabat kien Kastell u li l-Isqof Cagliares qata' l-limiti ta' San Ġorġ u l-Matriċi billi mexa mal-linja tas-swar. Dan mhu veru xejn. L-Isqof Cagliares mexa mat-toroq u mhux mas-swar għaliex dawn mhux veru kienu jeżistu fir-Rabat. Hu m'għamel xejn ġdid, imma ddefinixxa dak li kien qadim u għamlu bil-miktub biex jaqta' l-kwistjonijiet għaliex San Ġorġ kienet il-parroċċa *dicti loci del Rabato* (ta' dan il-lokal tar-Rabat) u mhux ta' Għawdex kollu kif forsi kien hemm min jippretendi u kif forsi għad hemm min jemmen sa llum minkejja li l-parroċċa *dictae insulae* (ta' l-imsemmija gżira) kienet il-Matriċi tal-Kastell u ebda knisja oħra. U din taż-żewġ ħaġġariji għad irridu naraw minfejn ġabha Mizzi. Jien naf

b'ħaġġarija waħda biss, dik tan-naħa tal-punent li Rinaldini fir-Rapport tiegħu sejħilha *Monte detto il Pedrastro*,



*L-iskrizzjoni magħrufa bħala ta' Marco Vallio fil-Bieb Ewlieni (Porta Regalis) fil-Kastell. Nafu li ilha hemm sa minn qabel ma ġew il-Kavalieri fl-1530 Matriċi.*

gozz ġebel, u li aktarx kienet fejn illum hemm il-Flora tal-Kastell oriġinarjament Ravelin. Mela, ħaġġarija ma kenitx xi grupp ta' djar jew *casale*, raħal, bħalma jrid ibellagħhielna Mizzi, imma turrun jew muntanja ġebel!

## L-Interpretazzjoni ta' l-Istorja

L-interpretazzjoni ta' l-istorja trid tkun waħda suġġettiva u skond l-aħħar sejbiet xjentifiċi. Ma tistax tinterpreta l-istorja billi tmieri s-sewwa magħruf ħalli tiġġustifika t-teorija li togħġbok jew kif jaqbel lilek. Ma tistax tgħid li inti storiku serju meta tinjora apposta u fid-dieher fatti ċari u determinati mingħalik ħadd m'hu se jintebaħ li tkun qiegħed tqarraq. Għaliex, per eżempju, Mizzi hu aktar minn ċert li l-pissidi li nstab fl-imramma tal-knisja ta' San Ġorġ kien verament **minn dejjem** jappartieni lil dik il-knisja, imbagħad dwar l-iskrizzjoni ta' Marco Vallio fil-bieb ewlieni tal-Kastell, li qiegħda fuq ġebla tant kbira li anki llum b'makkinarju modern titqanqal b'ċerta diffikultà, allura din kif irid ikun jaf minfejn ġiet? Jew nesa li darba qal li din kienet fil-bieb li ma jeżistix tar-Rabat u li kienu tellgħuha fil-bieb tal-Kastell biex jagħtu l-impressjoni li l-Kastell hu ta' oriġini Rumana?

Illum kulħadd jaf li l-iskrizzjoni ta' Marco Vallio kienet fil-bieb l-antik tal-Kastell (*oppidulum,* blejta, belt żgħira) fejn raħa Quintinus qabel ma ġew il-Kavalieri f'Malta fl-1530, illi meta nbnew is-swar il-ġodda Wignacourt ordna lil Vittorio Cassar biex il-bieb tal-Kastell iħallih fejn kien u allura tiġi weħidha li l-ħaġra bl-iskrizzjoni Rumana ta' MarcoVallio ilha fil-bieb tal-Kastell sa minn qabel ġew il-Kavalieri u żgur li ħadd ma għamilha hemm għal xi skop parrokkjalistiku bħalma forsi jiġih id-dubju Mizzi!

## Konklużjoni

Nagħlaq din il-kitba billi ngħid li, kollox ma' kollox, hemm evidenzi ċari u bla għadd illi l-belt antika tal-Għawdxin, il-***Medina*** ta' żmien il-Għarab, kienet fuq il-Għolja tal-Kastell fejn kien hemm ukoll il-Matriċi jew omm il-Knejjes kollha ta' Għawdex u li f'Għawdex ebda knisja oħra ma' kellha f'dawk iż-żminijiet imbiegħda d-dritt li tissejjaħ b'dan it-titlu. **Il-belt,** kif għadha tissejjaħ sa żmienna, kienet belt ta' veru, belt fil-veru sens tal-kelma, fejn kien hemm igħixu nies fqar u sinjuri, fejn il-Għawdxin ta' l-imgħoddi kienu jfittxu l-

kenn fi żminijiet koroh għaliex swar oħra li jagħtu l-kenn ma kinux jeżistu. Din il-belt kellha s-subborg jew Rabat tagħha. Dan ma kienx belt fil-veru sens tal-kelma, imma estensjoni tal-belt oriġinali mibnija fuq il-Għolja tal-Kastell.

Min igħid xorta oħra jkun qiegħed biss joħloq bliet tal-Ħolm u tal-fantasija, bliet mitoloġiċi, bliet tal-ħrejjef, litteralment mibnija fuq it-tafal, u li ebda studjuż serju ta' l-istorja ma jista' jemmen jew jieħu affarijiet bħal dawn bis-serjetà.

Ironikament, l-espressjoni ***Plebs Gaulitana*** tinsab fl-iskrizzjoni ta' Marco Vallio ingastata għal mijiet ta' snin fil-bieb ewlieni tal-Kastell. Mela hawn kienet toqgħod ukoll il-***Plebs Gaulitana*** (jiġifieri n-nies komuni Għawdxin), u mhux x'imkien ieħor, bħalma jrid jagħtina x'nifhmu Mizzi, li milli jidher, meta kiteb il-konklużjoni ta' l-artiklu tiegħu lanqas biss kien jaf x'qiegħed igħid.

**BIBLJOGRAFIJA U RIFERENZI OĦRA GĦAL AKTAR QARI**

**Joseph Farrugia and Lino Briguglio** (edituri) (April, 1996), *Focus on Gozo,* University of Malta Gozo Centre, pp. 121-145.
**Agius de Soldanis, G.P.F.**, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu, 2 volumi,* tradott minn Mons. Ġużeppi Farrugia (1936), Malta Government Printing Press.
**Bibljoteka Nazzjonali Valletta,** *Univ. 7, f. 6.*
**Veronica Veen and Adrian va der Blom,** (1992), *The First Maltese,* Gozo: a fia publication.
**Veronica Veen and Dr Adrian van der Blom** (1991), *The People behind the Temples, A Overall Theory on Malta's Greatest Achievement,* Holland.
**Trump, D.H.** (1972), *Malta: An Archaeological Guide,* London: Faber and Faber.
**Bonanno, A.** (1986), *An Illustrated Guide to Prehistoric Gozo,* Victoria-Gozo: Gaulitana 3.
*Rapport tad-Diparatiment tal-Mużewijiet, 1961,*
**Hyde, Herbert P. T.** (1955), *Geology of the Maltese Islands,* Malta.
**Caruana, Dr A. A.** (1898), *Ancient and Pagan Tombs and Christian Cemeteries in the Islands of Malta,* Malta Government Printing Office, pp. 74-75.
**Vella, A.** (1975 u 79), *Storja ta' Malta, Vol. 1 u 2,* Malta: Klabb Kotba Maltin.
**Gaius Sallustius Crispus traduzzjoni ta' Hanford, S.A.** (1967), *Jugurthine War, Conspiracy of Cataline,* Penguin Classics, Renju Unit.
**Attard, Anton F.**, "Ir-Rabat u l-Kastell fil-Preistorja", *Programm ta' Santa Marija 1991, Nru. 12,* Banda Leone, Għawdex.
**Attard, Anton F.**, "Il-Fuħħar u x-Xaqquf tal-Kastell ta' Għawdex", *Programm ta' Santa Marija 1992, Nru. 13,* Banda Leone, Għawdex.
**Attard, Anton F.**, "Is-Swar tal-Kastell ta' Għawdex", *Programm ta' Santa Marija 1993, Nru. 14,* Banda Leone Għawdex.
**Attard, Anton F.**, "Is-Sewwa u l-Qerq f'Kitbiet Storiċi", *Programm ta' Santa Marija 1994, Nru. 15,* Banda Leone Għawdex.
**L-Istoriċi tal-Ljun,** "Tagħwiġ ta' l-Istorja...inwieġbu", *Programm ta' Santa Marija, 1994, Nru. 15,* Banda Leone Għawdex.
**Attard, Anton F.**, "Ġrajjietna: X'inhi l-Verità tal-Fatti? Tweġiba lil John Bezzina", *Programm tal-Festa ta' Santa Marija 1995, Nru. 16,* Banda Leone Għawdex.
**Luttrell, A.** (1975), "Le origini della parrocchia a Malta", *Atti del VI Congresso di Storia della Chiesa in Italia,* Roma.
**Horatio Vella** (1980), *The Earliest Description of Malta (Lyons 1536) by Jean Quintin d'Autun,* Debono Enterprises, Malta.